DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/573

tas-7 ta' April 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/538 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' April 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/538 [1] b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva.

(2) Fid-9 ta' Frar 2022, l-OPCW, li hija responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/538, talbet estensjoni ta' tnax-il xahar sat-30 ta' April 2023 tal-perijodu ta' implimentazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni. L-estensjoni mitluba ser tippermetti lill-OPCW ittaffi l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-implimentazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi tal-proġett.

(3) It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/538 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji sat-30 ta' April 2023.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/538 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/538, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fit-30 ta' April 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' April 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. DENORMANDIE

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 tal-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda (ĠU L 93, 2.4.2019, p. 3).